**Laqgħa Numru 28** **It- Tlieta 16 ta' Ġunju 2026**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:03pm ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Joseph Gatt – Sindku
Anthony Agius Decelis – Minority Leader
Keith Cassar – Viċi Sindku
Chris Grech – Kunsillier
Thomas De Martino – Kunsillier (daħal għal- laqgħa fis-18:24pm)
Sammy Mallia – Kunsillier
Andre Buhagiar- Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Aiken Zerafa - Kunsillier
Rachel Abela – Kunsillier
Chantelle Portelli- Kunsillier
Charles Schembri- Kunsillier

**ASSENTI b' APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**
Nil.

**ASSENTI:**
Michaela Ann Bayliss – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Jeremy Bartolo – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Joseph Gatt ippreseda l-laqgħa.

**28.1 Qari tal- Ittri ta' Apoloġija**
Is- Segretarju Eżekuttiv ma rċieva ebda ittra t' Apoloġija.

**28.2 Kunsiderazzjoni tal-Minuti nru 27**
**28.2.1 Korrezzjonijiet**

Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni, għaldaqstant, Il-minuti ta' laqgħa numru 27, ġew approvati *nem. con.*

**28.2.2 Aġġornamenti**

***24.3.6 Korrispondenza ma' Ragusa***

Il-Kunsill għadu ma rċieva l-ebda risposta mingħand Ragusa. Għaldaqstant, Is Segretarju Eżekuttiv ġie mitlub li jibgħat tfakkira.

***25.5.3 Aġġornament tat-Tender KLM 01/2026***

Is-Sindku ta aġġornament dwar il-kuntrattur il-ġdid tal-manutenzjoni tal-ġonna, li beda jwettaq is-servizz filwaqt li ntemm il-kuntratt tal-kuntrattur preċedenti. Ġie rrappurtat li l-ewwel laqgħat kienu pożittivi u li x-xogħol qed jimxi b'mod sodisfaċenti.

***27.3.1 Sidewalk Libraries in Your Localities***

Ġie propost li jiġu identifikati Ġnien l-Għarusa tal-Mosta, Ġnien Santa Margerita u ż-żona ta' Blata l-Għolja, Żokrija bħala siti possibbli, sabiex il-proposta tintbagħat lill-awtoritajiet kompetenti li sussegwentement jiddeċiedu fejn għandha tiġi implimentata.

***27.4.2 Kunsillier Grech – Infurzar tal- LESA***

Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar il-laqgħa li għaliha attendew is-Sindku, il-Viċi Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv, il-Kunsillier Zerafa u s-CEO Svetlick Flores. Ġie rrappurtat li l-laqgħa kienet pożittiva. Ġie diskuss ukoll l-użu tal-parkeġġ riservat tal-Kunsill u l-ħtieġa li dan jintuża skont ir-regoli stabbiliti. Il-Viċi Sindku osserva li l-LESA ma tistax tiddetermina min huwa intitolat juża dan il-parkeġġ. Ġew diskussi wkoll ċerti ċirkostanzi relatati mal-Kunsillier Zerafa.

**28.3 Kommunikazzjoni / Korrispondenza mis-Sindku**

**28.3.1 Bank Ċentrali**

Is-Sindku informa lill-membri li l-fondi relatati mal-proġetti **M4.3** u **M4.4** ġew trasferiti lejn il-kontijiet bankarji primarji tal-Kunsill. Fid-dawl tal-fatt li wieħed mill-proġetti ġie konkluż u l-ieħor mhux ser jitwettaq, ġie propost li l-kontijiet bankarji rispettivi jingħalqu sabiex tiġi ssimplifikata l-amministrazzjoni finanzjarja tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

**28.3.2 Fire engines għal- Festa tal- Bidnija**

Il-Kunsill talab li l-għaqdiet japplikaw huma stess sabiex hemm skema, il-Kunsillier Bonnici qalet li hija midħla ta' kif ghandhom isiru dawn t-tip t'applikazzjoniijet.

**28.3.3 Revitalising of a rural access road**

Is-Sindku rrapporta li l-proġett **"Revitalising of a Rural Access Road – M4.4"** mhux ser jitwettaq. Għaldaqstant, ser isir aġġustament ta' madwar **€4,000** mill-allokazzjoni finanzjarja li kienet ġiet approvata għal dan il-proġett. Il-Kunsill ħa nota tal-aġġornament.

**28.3.4 Vjal Qalbiena Mostin**

Is-Sindku ppropona li tiġi installata sistema ta' **CCTV** fi **Vjal Qalbiena Mostin**, fid-dawl tad-diversi każijiet ta' abbuż u vandaliżmu rrappurtati fiż-żona minn persuni irresponsabbli. Ġie spjegat li l-installazzjoni ta' kamera ta' sorveljanza tista' tgħin kemm bħala miżura ta' deterrent kif ukoll biex tiffaċilita l-identifikazzjoni ta' min iwettaq tali abbużi. Il-Kunsill ħa nota tal-proposta sabiex din tiġi evalwata mal-awtoritajiet kompetenti.

**28.3.5 Devolution requests**

Is-Sindku ta aġġornament dwar diversi talbiet għal devoluzzjoni li jinsabu pendenti. Huwa informa lill-Kunsill li għadhom qed jistennew l-ipproċessar tat-talbiet relatati max-**shelters**, l-art fi **Triq il-Milord, il-Bidnija**, kif ukoll l-art fi **Triq tal-Farinal**.

Barra minn hekk, informa lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikazzjoni mingħand l-**Environment and Resources Authority (ERA)** li permezz tagħha ġie kkonfermat li, fir-rigward tal-proġett tal-**Belvedere**, inħareġ il-permess meħtieġ mid-Dipartiment tal-Artijiet. Is-Sindku spjega li dan huwa pass importanti sabiex il-proċess ikun jista' javvanza għall-istadji li jmiss.

**28.3.6 Toroq**

Is-Sindku ta aġġornament dwar ix-xogħlijiet infrastrutturali u ta' manutenzjoni tat-toroq li qed isiru fil-lokalità. Huwa spjega li x-xogħlijiet fi Hope Street ser jitwettqu f'erba' fażijiet. L-ewwel fażi tkopri t-triq mis- San Remo sa Triq Nicolo Isouard, filwaqt li t-tieni, it-tielet u r-raba' fażi ser jinkludu t-tiswija tat-trinek eżistenti u r-resurfacing tal-wiċċ tat-triq.

Is-Sindku informa wkoll li Infrastructure Malta ser tkun qed timplimenta sistema ta' dual water mains, sabiex fil-futur jitnaqqas il-bżonn li jerġgħu jinfetħu t-toroq għal interventi relatati mas-servizzi. Spjega li dawn ix-xogħlijiet diġà bdew fi Triq il-Għasel, fejn ser tiġi installata wkoll din is-sistema, filwaqt li fi Triq San Anton Abbati ser isir ir-resurfacing tal-wiċċ tat-triq.

Il-Viċi Sindku talab sabiex il-programm tax-xogħlijiet infrastrutturali jerġa' jiġi ċċirkolat lill-Kunsillieri sabiex ikunu aġġornati kontinwament dwar il-fażijiet u l-iskedi tax-xogħol.

Barra minn hekk, ġie rrappurtat li x-xogħlijiet fuq il-bankini fi Triq il-Kungress Ewkaristiku mistennija jitlestew matul il-ġimgħa ta' wara.

## 28.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 28.4.1 Viċi Sindku

Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni għall-kundizzjonijiet tas-sit tax-xogħol fi Vjal l-Indipendenza, fejn sostna li jeżistu diversi nuqqasijiet relatati mas-sigurtà. Huwa talab sabiex il-Kunsill jikkuntattja lill-kuntrattur responsabbli u jinsisti biex il-post jinżamm sigur u protett kemm għar-residenti kif ukoll għall-pubbliku.

### 28.4.2 Coaches tal iskola – Kunsillier Zerafa

Il-Kunsillier Zerafa qajjem il-problema tal-vannijiet u l-coaches tal-iskola li qed jokkupaw il-postijiet tal-parkeġġ fiż-żona. Huwa rrimarka li din is-sitwazzjoni qed toħloq inkonvenjent serju lir-residenti, li f'ċerti każijiet qed isibu diffikultà biex joħorġu mid-djar jew mill-garaxxijiet privati tagħhom. Ġie maqbul li l-kwistjoni tiġi segwita mal-awtoritajiet kompetenti sabiex tiġi evalwata soluzzjoni.

### 28.4.3 Kunsillier de Martino – Festa Agrarja

Il-Kunsillier De Martino informa lill-Kunsill dwar il-preparamenti għall-Festa Agrarja, skedata għas-17 ta' Lulju 2026. Ġie propost baġit ta' €2,000 għall-organizzazzjoni tal-attività. Is-Sindku informa li hu, flimkien mal-Kunsillieri Bonnici u De Martino, ser jikkoordinaw l-organizzazzjoni tal-attività. Il-proposta ġiet approvata nem. con.

**28.4.4 Kunsillier Schembri – Sleeping Police Triq il-Bażilika**

Il-Kunsillier Schembri talab aġġornament dwar it- tiswijiet ta' sleeping police fi Triq il-Bażilika, bil-għan li titnaqqas il-veloċità tal-vetturi u tissaħħaħ is-sigurtà fit-triq. Ġie maqbul li l-kwistjoni tiġi segwita mal-awtoritajiet kompetenti.

**28.4.5 Kunsillier Mallia – il-Pont il-kbir**

Il-Kunsillier Mallia informa lill-Kunsill dwar il-ħsarat li nħolqu fiż-żona ta' Il-Pont il-Kbir, fejn ammont sostanzjali ta' tajn li niżel minn Vjal Ragusa qiegħed jikkawża problemi. Ġie ssuġġerit li jitneħħa l-ġebel eżistenti sabiex jitnaddaf it-tajn kollu, u wara jerġa' jitqiegħed il-paviment tal-ġebel sabiex il-post jiġi restawrat kif suppost.

**28.4.6 Kunsillier Buhagiar – Roundabout tas-Subaru**

Il-Kunsillier Buhagiar talab li tiġi evalwata l-possibbiltà li titneħħa siġra kbira li tinsab fir-roundabout tas-Subaru, peress li din kibret b'mod eċċessiv. Ġie nnutat li l-kwistjoni għandha tiġi diskussa ma' Ambjent Malta. Il-Viċi Sindku żied li huwa xieraq li ssir riġenerazzjoni u refurbishment estensiv tar-roundabout sabiex tittejjeb id-dehra u l-manutenzjoni tagħha.

**28.4.7 Kunsillier Grech – Tindif tal- Pjazza**

Il-Kunsillier Grech talab aġġornament dwar it-tindif u l-ftehim ta' manutenzjoni tal-proġett tal-Pjazza. Is-Sindku informa li x-xogħlijiet ser jibdew matul il-ġimgħa ta' wara, skont il-ftehim iffirmat. Ġie ċċarat li dan il-ftehim ma jinkludix iċ-Ċentru Ċiviku u l-akwati tiegħu.

**28.4.8 Kunsillier Grech – Pjazza Mitħna**

Il-Kunsillier Grech talab li jsir l-arranġament meħtieġ sabiex Pjazza l-Mitħna tkun illuminata b'mod adegwat. Ġie propost ukoll li jiġu kkuntattjati Public Works sabiex jiġu installati Belisha Lights u bollards tal-ħadid madwar il-perimetru tal-ġnien. Ġie nnutat ukoll li għandu jiġi vverifikat l-istatus tal-meter tad-dawl.

**28.4.9 Kunsillier Decelis - Ringrazzjament**

Il-Kunsillier Decelis irringrazzja lis-Sindku, lill-Kunsillieri kollha u lill-istaff tal-Kunsill għad-dedikazzjoni u l-impenn tagħhom. Huwa rrimarka li, minkejja li ħafna drabi dan ix-xogħol ma jiġix apprezzat biżżejjed mill-pubbliku, il-kontribut tal-Kunsill u tal-impjegati huwa ta' valur kbir għall-komunità.

**28.5 Rapporti**

**28.5.1 Rikonoxximent Frans Deguara**

Is-Sindku esprima r-ringrazzjament personali tiegħu lis-Sur Frans Deguara għall-kontribut volontarju tiegħu fil-kitba u l-preparazzjoni tal-pubblikazzjoni "Mosta Solidali", li għaliha

ddedika ħin konsiderevoli. Is-Sindku informa li huma ppjanati aktar pubblikazzjonijiet għall-perjodu tal-festa u għall-Milied. Is-Sur Deguara ppreżenta wkoll kopja tal-ktieb tiegħu lill-Kunsill.

**28.5.2 Audited Financial Statements 2025**

Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva allokazzjoni bil-quddiem ta' €350,000 taħt arranġament ta' self.

L-accountant ippreżenta l-kontijiet awditjati għas-sena 2025 u spjega li, qabel l-aġġustamenti tal-awditjar, kien hemm defiċit ta' madwar €22,000 bejn id-dħul u l-ħruġ. Wara l-proċess tal-awditjar, il-figuri ġew aġġustati skont ir-rekwiżiti kontabbli.

Ġie spjegat ukoll li d-dejn totali tal-Kunsill jammonta għal madwar €1,017,000, magħmul kemm minn dejn fit-tul kif ukoll minn dejn għal żmien qasir. L-accountant enfasizza wkoll l-importanza li l-fondi dovuti mid-Dipartiment jiġu formalizzati permezz tal-ftehimiet meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jiġu riflessi b'mod korrett fil-kontijiet finanzjarji.

Wara l-ispjegazzjonijiet mogħtija, il-Kunsill approva l-Audited Financial Statements 2025 nem. con.

**28.5.3 Update- SPI.SCI.03.2026 - Finanzjament - Attivitajiet Milied 2026 (Data ta' l-għeluq – il-Ġimgħa, 29 ta' Mejju 2026).**

Is-Sindku informa lill-Kunsill li ġiet sottomessa applikazzjoni taħt l-iskema SPI.SCI.03.2026 għall-finanzjament tal-attivitajiet tal-Milied 2026, bl-istess format adottat fis-snin preċedenti.

**28.5.4 SPI.SCI.04.2026 - Finanzjament - Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali (Data ta' l-għeluq – il-Ġimgħa, 26 ta' Ġunju 2026)**

Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar l-opportunità li jiġu sottomessi applikazzjonijiet taħt l-iskema **SPI.SCI.04.2026**.

Huwa ppropona li l-Kunsill japplika għal finanzjament ta' madwar **€30,000** sabiex jitwettaq proġett ta' titjib u installazzjoni tad-dawl pubbliku fi **Triq Kurat Calleja**. Wara diskussjoni qasira, il-membri kollha preżenti qablu mal-proposta.

Is-Sindku informa wkoll lill-Kunsill dwar il-proposta taħt l-iskema **SPI.05/2026**, li permezz tagħha l-Kunsill ser japplika għal finanzjament ta' **€100,000** għall-bini ta' faċilitajiet sanitarji pubbliċi (**public toilets**) fi **Ġnien l-Għarusa tal-Mosta**.

Ġie spjegat li bħalissa fis-sit hemm **apiary**, u sabiex il-proġett ikun jista' jitwettaq ser tittieħed parti żgħira mill-ispazju attwalment okkupat. Is-Sindku informa lill-membri li

diġà saru diskussjonijiet mal-persuna responsabbli mill-apiary u ntlaħaq qbil sabiex il-proġett ikun jista' jimxi 'l quddiem mingħajr diffikultajiet.

Wara d-diskussjoni, il-Kunsill approva unanimament iż-żewġ proposti u awtorizza lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex ikompli bil-proċess ta' sottomissjoni tal-applikazzjonijiet meħtieġa.

**28.5.5 Board Tenders/Traffic Management Adjustment**

Is-Sindku informa lill-membri li l-kompożizzjoni tal-bordijiet u d-distribuzzjoni tad-dekasteri ser jiġu riveduti wara li tkun ġiet konkluża l-elezzjoni każwali u wara l-bidliet fil-kompożizzjoni tal-Kunsill. Wara li jiġi appuntat il-membru l-ġdid u jidħlu fis-seħħ il-bidliet meħtieġa, is-Sindku ser jiddeċiedi l-allokazzjoni l-ġdida tad-dekasteri.

**28.5.6 Ftuħ Ċentru Żgħażagħ**

Is- Sindku semma li fit- 23 ta' Lulju, ser ikun hemm il- ftuħ uffiċjali taċ- ċentru taż-żagħżagħ fiż-żokrija. Ser ikunu mistednin il- membri li jattendu fiċ-ċentru, kif ukoll mistiedna oħra.

**28.5.7 Kontijiet bankarji**

Is- Segretarju Eżekuttiv stqarr li dan il punt jirrelata ma' punt 28.3.1ser ssir t- talba fejn ser issir t- talba sabiex jiġu trasferiti l- fondi rimanenti mill- kontijiet tal- Bank Ċentrali u jingħalqu ladarba kienu kontijiet marbuta ma' proġetti speċifiċi li issa ntemmew.

**28.5.8 Ċirk Nru 05/2026 - Proċedura dwar Sindki u Kunsillieri Eletti fil-Kamra tad-Deputati fl-Elezzjoni Ġenerali tat-30 ta' Mejju 2026**

Il-Minority Leader Anthony Agius Decelis ġie elett bħala membru parlamentari u sibt li gej, l- 20 ta' Ġunju, ser jittieħed il- Ġurament. Is- Segretarju Eżekuttiv informa li skond iċ-ċirkulari li l- Kunsill rċieva mingħand id-dipartiment, is-Sur Decelis jibqa Kunsillier sakemm jieħu l- gurament tal-ħatra bħala membru parlamentari.

**28.5.9 Aġġornamenti - Animal Steward**

L-animal steward, s- sinjura Abela għamlet talba t' elfejn (€2000) ewro sabiex jintużaw għal-ispejjeż relatati ma' xogħolha. Il- Kunsill approva din it- talba kontra r- riċevuti.

Il- Kunsill applika ukoll għall- iskema tal- Animal Welfare, fejn applika għal- ġnien f' Santa Margerita. Il- Kunsill ser jistenna l- eżitu ta' din l-iskema sabiex jipproċedi bl-applikazzjonijiet mal- awtoritajiet relevanti.

**28.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

**28.6.1 Skeda tal-Pagamenti**

Il-Pagamenti Nru 173 ġew approvati mill- membri preżenti *nem. con.*

**28.6.2 Purchase Orders**

Il-lista preżentata ġiet approvata mill- membri preżenti *nem. con.*

**28.6.3 Works Orders**

Il-lista ta' works orders ġiet approvata mill- membri preżenti *nem. con.*

**28.6.4 Petty Cash**

Ir-rendikont tal- petty cash ġie approvat mill- membri preżenti *nem. con.*

**28.7 Data tal- laqgħa li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fit-8:04pm, u kien maqbul illi l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill, jiġifieri Laqgħa Numru 29, se ssir nhar it-Tlieta, 21 ta' Lulju 2026 fis- 18:00pm.

**IFFIRMATI**
**Joseph Gatt**
**Sindku**

**IFFIRMATI**
**Jeremy Bartolo**
**Segretarju Eżekuttiv**